

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2033, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005, kif implimentat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2021 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo

(2020/C 428/07)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK ⁽¹⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2033 ⁽²⁾, u fl-Anness Ia tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 ⁽³⁾, kif implimentati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2021 ⁽⁴⁾, dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni li jidhru fl-Annessi msemmijin hawn fuq għandhom ikomplu jiġu inklużi fil-lista tal-persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/788/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Ir-raġunijiet għad-deżinjazzjoni ta' dawk il-persuni jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħbed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill qabel l-1 ta' Settembru 2021, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni li tinkludihom fil-lista msemmija hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1.C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami li jmiss tal-Kunsill, skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

⁽¹⁾ ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.

⁽²⁾ ĠU L 419, 11.12.2020, p. 30.

⁽³⁾ ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 419, 11.12.2020, p. 5.

Qed tingħbed ukoll l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-2 paragrafu u l-Artikolu 263, ir-4 u s-6 paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
